

# Il-festa fl-imgħoddi

L-ewwel festa li saret fil-Qala bl-istatwa ta' San Ġużepp inżammet fil-knisja l-ġdida fis-27 ta' April 1890. F'dik id-data taħt ir-ras. "La Prima Festa di San Ġuseppe fir-Reġistru tal-Eżitu l-prokuratur Dun Franġisk Buttigieg daħħal id-dettalji ta' l-ispejjes li ħallas, fost dawn l-ispejjes insibu nota żgħira. "Piu per ferri e quattro viti per statua di San Giuseppe". Din in-nota turi biċ-ċar li f'April 1890 l-istatwa ta' San Ġużepp kienet il-Qala.

L-ewwel Pedestal li kellha, kien il-pedestall ta' l-istatwa ta' "Santa Elena ta' Birkirkara. Dan ġie mibdul f'Marzu tal-1917, dan hu xogħol ta' Kalċidon Bugeja skultur mir-Rabat ta' l-Imdina, qam £34.

Fit-8 ta' Marzu 1892 saret festa lil Patrun tagħna San Ġużepp fejn l-ghosrien u l-quddiesa saru "A Voce" taħt it-tmexxija ta' Agostino Masini. L-ispiża ta' din il-festa kienet laħqet is-somma ta' 49 skud u 3 grani. Fil-Purċissjoni ħadet sehem il-banda li daqqet ukoll f'lejlet il-festa. Saret ukoll illuminazzjoni b'sitt mitt tazza taż-żejt. Din il-festa kienet l-ewwel waħda għall-Kappillan Dun Ġwann Saliba.

Fl-1917 iżżanżnet statwa ta' San Ġużepp għal festa ta' barra maħduma mill-Istatwarju Għawdxi il-Komm. Wistin Camilleri. Din kienet tintrama fil-Pjazza quddiem il-knisja wara li saret l-Istatwa l-ġdida tad-demostrazzjoni bdiet tintrama fil-Pjazza Isqof Buttigieg.

Is-sena ta' wara ġiet ċċelebrata il-festa ta' ġewwa. It-Tridu kien għamlu Fr. Norbert. L-1 u 2 Vespri kienu Kantati taħt id-direzzjoni ta' Antonio Buhagiat. Il-Banda Filarmonika "Leone" għamlet Marċ u akkumpanjat il-purċissjoni. L-illuminazzjoni tad-dħul bit-tazzi taż-żejt u l-logħob tan-nar ma sarux.

Fl-1919 minħabba l-luttu tal-Kappillan Giovanni saliba il-festi ta' Barra ma sarux.

Fl-1921 kienet saru festi solenni kbar minħabba li kienet il-50 sena tal-Proklamazzjoni ta' San Ġużepp bħala l-patrun universali tal-Knisja din ġiet ċelebrata f'Lulju.

Fis-sena 1924 il-festa titulari ġiet trasferita għax-xahar ta' Ottubru. Ir-raġuni tal-trasferiment ta' din il-festa kien minħabba r-riħ li kien jagħmel f'April u b'hekk il-festi esterni kienu ġew mħassra. B'rikjest pontifiċju ġie mogħti li permess li jitqaddsu żewġ quddisiet fl-ewwel Ħadd t'Awissu u dan kien għal żmien għaxar snin. Qabel il-festa sar tridu fejn l-innu u l-antifona tkantaw bil-mużika lejliet il-festa saret illuminazzjoni u l-banda filarmonika La Stella daqqet marċ u programm u ħadet sehem fil-purċissjoni. L-ispejjeż laħqu s-somma ta' £66.17s. Il-ġiġġifogu nħadem Malta minn Enriku Camilleri. F'din il-festa kienu żżanżnu żewġ lampieri, żewġ inpollozzi tal-fidda u sitt settijiet ta' karti tal-glorja. Dawn kienu waslu mill-fabbrika Borterelli u qamu £22.

Fis-sena 1942 minħabba l-gwerra l-purċissjoni bl-istatwa titulari saret fit-toroq tas-salib. Għalaq il-festa Mons. Isqof Djoċesan bil-barka sagramentali, minħabba l-gwerra, ittrattament li kien isir wara l-benedizzjoni ma sarx.

Fil-festa titulari ta' San Ġużepp li saret fl-1946 ġie inawgurata il-koppla bil-pittura u bl-induratura u tpittret minn Ġanni Vella.

Fit-3 ta' Awissu 1952 kien ġie mżanżan għal-festa ta' barra l-innu l-kbira "lil San Ġużepp" b'versi bit-taljan ta' l-għawdxi Giuseppe Serafino Cutajar mir-Rabat u b'mużika tassew sabiħa, tal-Majestro Andrea Borg. Fil-festa komplew jiżżanżni diversi pitturi tal-famuż Ġanni Vella, il-paviment ta' l-irħam fil-kappelli kif ukoll xogħol ta' Induratura fil-kapitelli tal-korsija. Fis-sena 1958 għall-festa żżanżnu żewġ linef żgħar għal ma' l-istatwa titulari erba gastri tal-fidda u fjuretti ġodda għal-quddiemu.

Fis-sena 1962 wasal id-damask il-ġdid mid-ditta Antonio Guevanni Alois ta' Venezia mill-istess fabbrika waslu ukoll il-frenża u l-pavaljun tad-deheb u tal-ħarir; b'kolox inxtraw 2398.86 metru ta' damask, li ġie jiswa Lm4620. Ix-xogħol kollu tal-ħjata għamlu Giuseppe Aquilina illi dam jaħdmu għal madwar sentejn.

Fil-festa li saret fis-sena 1967 tlesta l-irrakmar ta' l-istandard tal-fratellanza ta' San Ġużepp. Ix-xogħol tar-rakkmu sar min Melita Borg taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Vella u Dun M.Ang Apap u żżanżnu lasta u stemma tal-fidda għal l-istess standard.

Fl-1970 il-Parroċċa tal-Qala daħlet użanza sabiħa ta' "Jum il-Ġenerożità" li fiha l-parruċċani joffu għadd kbir ta' oġġetti ta' l-ikel bżonnijiet tad-dar, u ħwejjeġ u flus biex imbagħad jiġu mqassma lill-istituti tal-karità u familji fil-bżonn f'pajjiżna.

*Ref:*
*A.P.Q. Kronaka Parrokkjali*
*A.P.Q. Reġistru tal-Eżitu - Ħruġ*

## Il-festa fl-imgħoddi

# Intervisti ma' l-Anzjani

minn Joseph Mifsud u Joey Camilleri

Il-festa kienet issir fit-tielet Ħadd ta' wara l-Għid. Kien fis-sena 1924 meta "L-Għid tal-Manjus", il-protettur tal-Qala ġie trasferit għall-ewwel Ħadd ta' Awissu, kif għadu jsir sal-lum. Dan kien sar minħabba t-temp u biex jiġu aktar devoti fis-sħana tas-Sajf.

Fil-ġimgħa tal-festa fil-pjazza kien ikun hemm l-għana minn nies li kienu jiġu apposta minn Għawdex kollu.




L-irġiel kienu jibdew jarmaw l-arbli minn ġimgħa qabel u fil-festa kienu jdendlu l-bandalori. Għal priedki tat-Tridu u l-Paneġierku kienu dejjem jintażlu predikaturi ta' fama f'Għawdex.

L-irġiel kienu jilbsu l-isbaħ ħwejjeġ filwaqt n-nies kienu jilbsu l-onnella.

Iċ-ċinta tal-knisja flok bozoz kienu jinxtegħlu tazzi mimlija biż-żejt. Minnflok murtali bħal-lum kienu jisparaw il-maskri minn fejn il-knisja. Dawn kienu isiru billi jrossu l-porvli ġol maskri li qishom kanni żgħar tal-ħadid u mbagħad iqabbdu n-niċċa.

Il-purċissjoni hija l-akbar mument għal Qalin iżda dari aktar mil-lum. Kulħadd kien jimxi wara l-purċissjoni u xi anzjani qalu li din d-devozzjoni spiċċat fix-xejn għax ħadd ma jmur warajjha.

Kien jidendel Lidna tal-ħarrub mal-knisja u fit-toroq. Dari ma tantx kienu jagħmlu xi festa kbira minħabba il-problema tal-flus. Li kien hemm popolari kienu il-mixegħla (tazzi mimlijin biż-żejt) li kienu jibdew jinxtegħlu min fil-għaxija u jdumu sal-patre nostre minħabba li kienu jintfew bir-riħ. Kien jagħmlu xi ftit bandalori l'hawn u l'hemm.Is-Sibt fil-għaxija kien isir marċ minfejn ta' Pawla sa ġol pjazza. Għall-festa kienu jiġu tar-raħal u xi ftit min barra r-raħal.

Dari ftit kienu jagħmlu imma kien jiswa.

# Xewqat lill-Poplu tal-Qala mill-E.T. Il-Kardinal G. Casoria

Għażiż Arċipriet Refalo,

Għandi l-pjaċir ngħarrfek u nwassallek tagħrif dwar l-Emin. Tiegħu l-Kardinal Giuseppe Casoria.

Waqt mawra ta' ħidma ntensiva dwar il-Kawża Kanonizzazzjoni tal-Ven. M.Adeodata Pisani li għamilna f'Ruma u l-Vatikan f'Mejju li għadda, marti u jiena għamilna żjara ta' kortesija lill-E.T. l-Kardinal Giuseppe Casoria fir-residenza privata tiegħu qrib il-Vatikan.

Huwa laqagħna bil-ferħ u ried ikun jaf fit-tul dwar il-kleru u l-poplu tal-Qala. Semma t-tifkiriet li għandu dwar il-Qala u tenna li biż-żjara tiegħu fil-Qala kien qed jagħlaq il-ħajja tiegħu pubblika. Kellu wkoll kliem ta' tifħir għall-Ecc. Tiegħu Mons. Isqof Cauchi.

Qabel ma ħallejnih, daħħalna fis-salott fejn uriena d-dgħajsa sabieħa tal-latini li kien ippreżentalu l-ex-Arċipriet Dun Anton Sultana f'isem il-kleru u l-poplu tal-Qala. Hija għal qalbu ħafna. Hadna ritratt magħha li qed ngħaddilek.



Huwa tana l-Barka Appostolika tiegħu għalik, għall-kleru u l-poplu tant għażiż tal-Qala.

Il-Professur Patri Ernesto Piacentini, il-Postulatur tal-Kawża Kanonizzazzjoni tal-Ven. M. Adeodata Pisani u Monsinjur Antonio Casieri li kienu assistew lill-Kardinal Casoria fiż-żjara tiegħu fil-Qala, raddew ħajr u bagħtu t-tislijiet tagħhom lilkom ilkoll.

Ċert, li inti, il-kleru u l-poplu kollu tal-Qala tapprezzaw dan kollu.

Bl-isbaħ xewqat u awguri għall-festa qaddisa u sabieħa.

Sinċerament tiegħek fi Kristu.

**Arthur Barbaro-Sant**
Marchese Di San Giorgio,
*Koordinatur.*